

Brussell, 17 ta' Novembru 2021
(OR. en, pl)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0048(NLE)

13242/21
ADD 1

RECH 470
COMPET 748
IND 305
MI 784
SAN 635
TRANS 638
AVIATION 267
ENER 458
ENV 800
SOC 613
TELECOM 393
AGRI 507
SUSTDEV 138

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa - Adozzjoni - <i>Dikjarazzjoni mill-Polonja</i> - <i>Dikjarazzjoni mill-Ungerija</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dikjarazzjoni mill-Polonja u dikjarazzjoni mill-Ungerija.

Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa

Dikjarazzjoni mill-Polonja

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fil-livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, f'formulazzjonijiet li jirreferu għall-ġeneru l-Polonja ser tinterpretah bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minqusa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dan u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel".